MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2133/2002

***Francis Briffa***

***vs***

***David Paris***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' hames mija u hamsin lira Maltin (Lm550) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' aluminium maghmul mill-attur fuq ordni tal-konvenut, liema bilanc baqa' ma thallasx.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.
Ra li l-konvenut debitament notifikat bil-procedura ta' l-affissjoni u tal-pubblikazzjoni, baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-attur, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ hames mija u hamsin lira Maltin (Lm550).

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------